**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 4 ta' Marzu 2020.**

**Rikors nru: 53/2019 AGV**

**ABC (ID Nru: 518184 M)**

**Vs**

**Dr. Leontine Calleja u PL. Melissa Anastasi nominati kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti DE**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors mahluf** ta' ABC datat 25 ta' Frar 2019, fejn ppermettiet u talbet is-segwenti;

1. Illi hija giet ammessa ghal beneficcju tal-ghajnuna legali skond l-inkartament anness mal-proceduri ta' medjazzjoni nru: 927/2018 li ghandhom jigu annessi ma' dawn il-proceduri;

2. Illi l-esponenti zewwget lil intimat DE permezz ta' zwieg Izlamiku ccelebrat f'Georgia, Amerika, fl-24 ta' Settembru, 1998 (certifikat Dok A anness mal-medjazzjoni sudetta), liema zwieg gie registrat hawn Malta kif jirrizulta mil-anness certifikat taz-zwieg mahrug mir-Registru Pubbiku, ta' Malta numru 2028/1999, kopja annessa mal-medjazzjoni Dok. B;

3. Illi minn daz-zwieg il-partijiet kellhom sitt itfal; 4 minorenni li jisimhom f (Dok C), G (Dok D), HI (Dok E), u J ( Dok F) u tnejn maggorenni li jisimhom K ( Dok G) u L ( Dok H).

4. Illi l-intimat hu hati versu l-esponenti inter alia ta' eccessi, vjolenza, sevizzi, inguri gravi, mohqrija, adulterju u abbandun.

5. Illi l-esponenti hi intitolata titlob kura u kustodja u s-setgha tal-genituri tal-minuri u kif ukoll manteniment.

6. Illi l-intimat jinsab assenti minn dawn il-gzejjer u l-esponenti ma ghandhiex hjiel fejn jinsab. L-ahhar kuntatt li kella mal-intimat kien f' Settembru 2017, fejn taf li kien qed jghix gol-Egittu, pero' ma ghandhiex dettalji iktar;

7. Illi permezz ta' digriet numru 2855/2018 fl-atti tal-Ittra Numru 927/2018 datat 26 ta' Dicembru 2018 (kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok. MVL), ir-rikorrenti giet debitament awtorizzata sabiex tipprocedi bl-istanti;

8. Illi ghalhekk kellu jigi intavolat dar-rikors guramentat.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti qieghda ghal ragunijiet fuq imsemmija, bil-qima titlob lil dina l-Qorti joghbgobha, prevja kull dikjarazzjoni mehtiega u opportuna illi;

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dana minhabba tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-intimat kif fuq spjegat u tawtorizza lir-rikorrenti tghix separatament minn mal-intimat.

2. Tafda l-kura u kustodja tal-minuri fuq imsemmija esklussivament f'idejn ir-rikorrenti.

3. Tillikwida ammont adegwat ta' manteniment li ghandu jkun pagabbli mill-intimat lir-rikorrenti kemm ghaliha personalment u kif ukoll ghal uliedhom minuri fuq imsemmija filwaqt li tordna u tikkundanna lill-istess intimat sabiex ihallas lir-rikorrenti dik ir-retta alimentarja hekk likwidata u tordna illi dawn l-alimenti jigu mnaqqsa direttament mis-salarju jew qliegh tieghu mill-impjieg jew xoghol li huwa ghandu jew bi standing order u tipprocedi dwar il-modilitajiet ta' kif l-istess manteniment ghandu jigi rivedut u jawmenta kull sena biex jirrifletti iz-zieda fl-gholi tal-hajja, filwaqt li tiddikjara li l-intimat iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew jippercepixxi manteniment minghand ir-rikorrenti.
4. Tapplika kontra l-intimat l-effetti in toto jew in parte tal-artikolu 48 sa 55 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, sa fejn applikabbli, inkluza l-komminazzjoni li tilef kull dritt li jiret lir-rikorrenti u jiddekadi mill-manteniment;

5. Ixxolji u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet taqsamaha f' zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali fid-dawl illi l-intimat huwa unikament hati ghas-seperazzjoni personali, u tassenja porzjon lir-rikorrenti u porzjoni lill-intimat *ope sententiam*. Filwaqt li tinnomina Nutar sabiex jircievi l-att relattiv li fih jinkorpora l-effetti kollha ta' kull eventwali sentenza u kuraturi sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att;

6. Tikkundanna lil-intimat sabiex jirrestitwixxi lir-rikorrenti l-beni kollha dotali u/jew parafrernali taghha li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza u dana fi zmien qasir u perentorju, li ghandu jigi lilu prefiss minn din il-Qorti u fin-nuqqas li l-intimat jaghmel dan, tikkundannah ihallas lir-rikorrenti dik is-somma li ghandha tigi likwidata, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, rapprezentanti l-valur tal-beni dotali u / jew parafernali sudetti.

7. Taghti kull provvedimenti iehor xieraq u opportun.

Bl-ispejjez inkluzi ma' dawk il-proceduri kollha quddiem il-Qorti Civili Sezzjoni tal-Familja u tal-medjazzjoni kontra l-intimat li hu minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

**Rat ir-Risposta Guramentata** ta' Dr Leontine Calleja u PL Melissa Anastasi kuratur deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti DE:

1. Illi f'dan l-istadju l-esponenti m' humiex edotti mill-fatti u ghalhekk jirriservaw id-dritt li jipprezentaw risposta ulterjuri fi stadju iehor tal-proceduri;

2. Illi hija l-attrici li ghandha l-piz tal-prova u cioe' illi trid tkun l-attrici li permezz tal-provi imressqa minnha tikkonvinci lil dina l-Onorabbli Qorti, illi l-allegazzjonijiet li l-istess attrici, qed taghmel fil-konfront tal-intimat huma fondati;

3. Illi l-esponenti jitolbu minn issa li jinghataw indirizz postali jew dik elettronika u/ jew numru tat-telefon halli l-esponenti jkunu jistghu jaghmlu kuntatt mal-assenti minnhom rapprezentati.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti, minn issa ingunta in subizzjoni.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

**<u>FATTI</u>**

1. L-attrici kienet izzewwget lil DE fl-24 ta' Settembru, 1998 fl-Atlanta, Georgia, l-Istati Uniti. Minn dan iz-zwieg kellhom sitt itfal K u L, it-tnejn maggorenni, F, G, HI u J ilkoll minorenni.

2. L-attrici tghid li hajjitha u dik ta' uliedha kienet wahda oppressiva, ghaliex soffrew vjolenza mill-konvenut u lanqas kien ihallihom johorgu jew

ikollhom il-hbieb. Kienu dejjem maghluqa f' kamrithom u kien ihallihom biss johorgu sal-kamra tal-banju u kien addirittura jsegwihom. Lanqas ma kien ihallihom imorru skola u kienet tghallimhom l-attrici.

3. Il-konvenut kien responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg peress ukoll kien ikkometta adulterju. Kienet sabet diversi kartolini, poeziji u anke emails li kien jibghat lil diversi nisa u l-messaggi li kienu jibghatu lura. Kienet anke sabet tlett kuntratti ta' zwieg informali ma' nisa li kien jisimhom M, NO u PQ. Kienet sabet ukoll zewg certifikati tat-twelid ta' tfal tieghu minn mara Egizzjana jisimha NO.

4. L-attrici tispjega li l-konvenut kien ihalliha nieqsa mill-flus u kienu jieklu affarijiet bazici bhal pancakes u ross jew soppa u patata, peress li l-flus ma kinux jippermettu. Il-konvenut kien jiekol hafna drabi minn barra, specjalment peress hafna mill-filghaxijiet kien ikun barra.

5. L-attrici ssemmi incident li sehh f'Jannar, 2015, meta l-konvenut kien sawwat lil binhom L b'lasta ta' xkupa u sakkru gewwa kamartu ghal tlett gimghat shah u wara beda juri sintomi ta' mard mentali. Spiccaw li hi u t-tfal l-ohra kellhom joqoghdu ghassa ma' L u spiccaw lanqas kienu jistriehu.

6. Mill-2002 sal-2017, kienu jghixu llegalment gewwa l-Egittu u lanqas ma setghet tigi Malta, ghax bejn ma kellhiex flus, kif ukoll il-passporti tat-tfal jew kienu skaduti jew ma kellhomx wiehed. Fit-23 ta' Settembru, 2017, il-konvenut kien avzaha li kien iddivorzjaha u spiccat lanqas ma kellha fejn torqod u lanqas flus. Kien avzaha li kellhom tlett xhur biex jitilqu u f' Jannar, 2018 kienet telqet mill-Egittu ghal Malta. Illum it-tfal ighixu kollha maghha u minhabba L li jbati minn skizofrenija ma tistax tahdem peress li trid tiehu hsiebu kontinwament.

7. Bhala assi l-attrici tikkonferma li ma kienu jipposjedu xejn, pero' kienet qed titlob manteniment ghat-tfal. L-attrici tikkonferma li jahdem bhala ghalliem tal-Ingliz fl-iskola Futures American School gewwa Kairo, l-Egittu u ghandha paga ta' cirka 12,000 liri Egizzjani fix-xahar. Tghid li l-ghola kwalifika tal-konvenut huwa dak ta' high school diploma Amerikana.

8. KE jikkonferma prattikament dak li xehdet l-attrici. Ighid li l-familja kollha soffriet abbuz emozzjonali u fiziku mill-konvenut. Minkejja li l-paga tal-konvenut ma kinitx wahda minima ghall-istandards Egizzjani, ugwalment ma kienx jipprovdilhom. Kienu jieklu l-istess ikel kwasi ta' kuljum, kienu jirtu l-hwejjeg minghand il-girien jew xi nies li kienu jafu. L-ghamara li kellhom kien xtrahilhom in-nannu matern, izda spiccaw minghajrhom meta marru joqoghdu gewwa apartment iehor u l-konvenut ma riedx ihallas trukk ghall-garr taghhom.

   Jikkonferma ukoll li missier kien infidil lejn l-attrici u li kien iqatta' hafna granet u iljieli barra mid-dar.

   Bhala hajja jghid li kienu totalment ikkontrollati b'mod irragjonevoli mill-konvenut, li ma kienx ihallihom johorgu, ma setghux ikollhom hbieb, ma setghux jattendu l-iskola u l-ftit li kienu johorgu kien igieghlhom jilbsu velu jghattu wicchom u jilbsu l-ingwanti.

   Jispjega li meta huh L beda jsoffri mill-iskizofreniija, il-konvenut qatt ma mar ifittex ghall-ghajnuna medika u spiccaw kellhom jiehdu hsiebu hu, l-attrici u hutu bil-konsegwenza li spicca ddeprivat mill-irqad u beda jsoffri minn hyper-vigilance matul iz-zghozija tieghu.

Jikkonferma ukoll il-verzjoni tal-attrici, li kienu baqghu jghixu l-Egittu b'mod illegali u minhabba f'hekk lanqas ma kellhom passaport u lanqas ma setghu juzaw is-sistemi socjali, medici u edukattivi tal-pajjiz. Biex akkwistaw ic-certifikati tat-twelid taghhom, il-passaporti u l-visas, kien sar kollox minn taht mill-attrici bl-ghajnuna finanzjarja tal-familjari Maltin.

4. HIE u FE ikoll ikkonfermaw il-verzjonijiet tal-attrici u ta' huhom K.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

F'din il-kawza gew innominati kuraturi sabiex jirrapprezentaw lill-assenti konvenut DE. Minkejja t-tentattivi biex jikkomunikaw mieghu, anke permezz ta' email ma rcevewx risposta u ghaldaqstant, dina l-Onorabbli Qorti se tillimita d-decizjoni taghha fuq ix-xhieda prodotta mill-attrici.

**ADULTERJU**

Illi r-rikorrenti thoss li l-intimat huwa unikament responsabbli ghall-firda taghhom u dan peress li rrenda ruhu hati ta' adulterju. Iz-zwieg igib mieghu, minn fost obbligi ohra, dik tal-fedelta', obbligu li jibqa' ezistenti anke jekk koppja tasal biex tissepara. Ghalhekk huwa bla dubju l-aktar kawza gravi li ghaliha l-ligi tawtorizza separazzjoni.

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Rose Gauci vs Salvatore Gauci"** (P.A. (RCP) 1 ta' Ottubru 2002 - Cit Nru:1365/1997/RCP) fejn din il-Qorti kif presjeduta rriteniet li:-

"… *l-**artikolu 38 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta** jghid illi "Kull parti mizzewga tista' titlob il-firda minhabba l-adulterju tal-parti l-ohra".*

*Illi kif tajjeb osservat din il-Qorti fis-sentenza taghha tas-16 ta' April 1953 fil-kawza fl-ismijiet **"Rita Spiteri vs Avukat Dr. Albert V. Grech et noe".** (P.A. (C.C.) Kollez. XXXVII.II.693) l-adulterju "hija bla dubju l-kawza l-izjed gravi li ghaliha l-ligi tawtorizza sseparazzjoni personali; izda, stante d-diffikulta' tal-prova, kif turi l-assenza ta' dispozizzjoni legislattiva li tillimita dina l-prova, huwa ormai pacifiku fid-dottrina u fil-gurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat permezz ta' indizji u prezunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, precizi u konkordanti, b'mod li ma jhallu ebda dubju f'min ghandu jiggudika".* (**"Rosina Micallef vs Angelo Micallef"** *Prim'Awla Deciza -27 ta' Gunju 1964)".*

**<u>SEVIZZI, ECCESSI, INGURJI U OFFIZI GRAVI, VJOLENZA</u>**

Fis-sentenza **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi**, l-ingurji jew offizi gravi gew definiti bhala li "***jinkludu kliem jew agir illi joffendu l-pudur ta' dak li jkun minkejja illi dawn jirreferu ghal affarijiet vera jew foloz."***

Gie ukoll ritenut li ghas-sejba ta' htija fit-tkissir taz-zwieg dawk is-sevizzi, minacci u ingurji gravi jkunu kommessi abitwalment u ripetutament. Fis-sentenza **Jayne Margaret Chetcuti vs Lawrence Chetcuti** moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Dicembru, 2015 gie ddikjarat illi ***"….mhux kull nuqqas da parti ta' konjugi versu l-konjugi l-iehor jwassal ghas-sevizzi, minacci jew ingurja gravi fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kodici Civili u huma biss dawk in-nuqqasijiet li, maghmula ripetutament u abitwalment, iwegghu u jferu lill-konjugi sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir wahda difficli u insopportabbli. Kif jinsab ritenut fil-gurisprudenza patria: "Per sevizie del senso della legge s'intendono atti abituali di***

***crudelta' che offendono la persona o l'anima di colui e sono diretti al punto di ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti [ PA Camilleri utrinque, 16 Marzu, 1898]."***

Issir referenza ghall-kaz **Catherina Agius vs Benedict Agius,** deciza fit-13 ta' Gunju, 1967 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fejn gie pprecizat illi l-fatturi kontemplati fl-Artikolu 40 fuq citat iridu jkunu tali li joholqu sitwazzjoni fejn il-partijiet jispiccaw ighixu "***f'sistema costante di vessazione e di disprezzo, di oltraggio e di umiliazione che rendono almeno insopportabili l'abitazione e la vita comune."***
Gie enunciat fil-kawza fl-ismijiet **Elisa Thompson vs Edward Thompson** illi sabiex tigi promossa b'success l-azzjoni tas-separazzjoni personali, m'hemmx htiega illi jigu ppruvati l-eccessi, sevizzi, minacci u l-ingurji gravi b'mod kumulattiv, izda jkun sufficjenti illi tigi ppruvata raguni wahda sabiex jigi stabbilit illi l-hajja matrimonjali tkun giet reza' mpossibbli da parti ta' xi wahda mill-partijiet jew min minnhom.

L-artikolu 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta isemmi l-mohqrija, illi minn gurisprudenza kostanti tirreferi ghas-sevizzi bhala bazi ghas-separazzjoni personali. Fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju, 1961** gie enunciat illi : "***Certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjamenti illi jistghu jrendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizzi."*** Fis-sentenza fl-ismijiet **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi,** l-ingurji jew offizi gravi gew definiti bhala li "***jinkludu kliem jew agir illi joffendu l-pudur***

***ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu ghall-affarijiet vera jew foloz."***

Dwar it-theddid u vjolenza "***il-ligi tikkontenta ruhha bil-persistenza f'certu mgieba hazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima."***

In tema legali fir-rigward ta' separazzjoni personali gie ritenut illi:-

***"Il-vjolenza hi fost l-aktar elementi, jekk mhux ukoll l-aktar wahda, li inevitabilment twassal ghal firda personali, anke ghaliex, kif inghad, "huwa ferm difficli li tigi superata minn min ikun halla lilu nnifsu jintrikeb."***[1]

Dejjem fuq it-tema tal-vjolenza domestika gie ddikjarat mill-Qorti tal-Appell illi:-

***"Din il-Qorti filwaqt li tqis kull xorta ta' vjolenza, fizika jew morali, hi element li jitfa' piz kbir ta' responsabbilita' fuq min ikun jigi provat li kien hati li kkommetih, tifhem li l-grad ta' vjolenza seta' mbaghad ikun fattur determinant biex ir-responsabbilita' tat-tifrik taz-zwieg tigi esklussivament addebitata lil dik il-parti. U meta l-vjolenza u l-aggressjoni tkun tidher mill-atti illi tkun saret mod ta' hajja tant li tkun riflessa fil-karattru tal-persuna, ftit jibqghu difizi li jistghu jingiebu b'gustifikazzjoni ghal tali agir."***[2]

---

[1] Joanne Tabone pro.et.noe. vs Jesmond Tabone Prim'Awla 03.10.2003
[2] Doris Mizzi vs Mario Mizzi – Appell – 19.05.2000

L-attrici, flimkien max-xhieda prodotta minnha, li huma prattikament uliedha stess kollha jikkorroboraw ix-xhieda ta' xulxin. Ghexu hajja oppressiva hafna, fejn gew assoggettati ghall-vjolenza kemm emozzjonali kif ukoll fizika. Soffrew il-guh, ghaliex il-finanzi kienu minimi. Kienu skjavi tad-dar, lanqas ma kien ihalli lit-tfal imorru skola, lanqas setghu jkollhom hbieb u lanqas ma kien ihallihom johorgu minn kamrithom, hlief rarament u biex imorru sal-kamra tal-banju biss.

Apparti minn hekk ingabu provi li l-konvenut kien izzewweg lil mara ohra u minnha kellu tarbija, apparti li kien hemm nisa ohra. Din kienet il-hajja li ghexu u ghaldaqstant hemm provi bizzejjed biex jissoddisfaw ir-rekwiziti kollha ghall-htija ta' separazzjoni da parti tal-konvenut minn sevizzi, eccessi, mohqrija, theddid, vjolenza u fuq kollox adulterju.

**KURA U KUSTODJA**

It-tfal minuri u cioe' F, G, HI u J, kif ukoll iz-zewgt itfal maggorenni L u K ilkoll jinstabu Malta u jghixu mall-attrici. Ma jidhirx li kien hemm xi kuntatt da parti tal-konvenut biex jara lil uliedu, li lanqas wera interess f' uliedu qabel is-separazzjoni, ahseb u ara issa u dan jirrizulta mill-provi.

Ghalhekk fid-dawl ta' dawn ic-cirkostanzi, il-kura u kustodja ghandha tkun eskluzziva ghall-attrici.

**MANTENIMENT**

Jirrizulta li l-konvenut jahdem bhala ghalliem l-Egittu u l-paga tieghu ghall-istandards Egizzjani mhix zghira. Isemmghu irca 12,000 lira

Egizzjana. Dan l-introjtu mhux ikkontestat, pero' lanqas l-attrici ma pprezentat xi dokumenti sabiex tikkonferma dan l-ammont.

Jidher pero' li minkejja li l-konvenut kien xhih mal-familja tieghu, ma kienitx problema li jhallas ghad-dota ta' nisa ohra. Huwa missier irresponsabbli dak li jhalli lill-familtu bil-guh, li kien ikollhom jghaddu b'ross jew soppa ta' kuljum u missier, li minkejja li t-tifel Abduallah kien ibati mill-iskizofrenija lanqas kien jiehu hsieb li jikkontribwixxi ghall-medicini u ghall-kura tieghu, meta uliedu u martu kien ighaddu iljieli mqajjmin biex jiehdu hsiebu.

Bhala missier li ghandu introjtu mhux hazin, m'hemm xejn li jezonerah mill-obbligi tieghu li jmantni lil uliedu u ghaldaqstant fic-cirkostanzi thoss li l-ammont ta' €500 ghall-minuri jkun adegwat u dan ghandu jithallas sakemm jibdew jahdmu, jew isiru maggorenni, liema wahda tavvera ruhha l-ewwel jew sal-eta' ta' 23 sena jekk jibqghu jistudjaw u ma jahdmux full-time.

<u>**KOMMUNJONI TAL-AKKWISTI**</u>

Ma jirrizultax li hemm assi appartenenti l-kommunjoni tal-akkwisti.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi, dina l-Onorabbli Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-

i) Tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali minhabba tortijiet unikament imputabbli lill-konvenut minhabba li rrenda ruhu hati ta' sevizzi, eccessi, ingurji gravi, theddid, minacci u adulterju;

ii) Tilqa' t-tieni talba;

iii) Tilqa' t-tielet talba u tordna lill-konvenut sabiex ihallas is-somma ta' €500 (hames mitt Ewro) fix-xahar bhala manteniment ghal uliedu, liema ammont jinkludi nofs l-ispejjez medici u edukattivi tal-istess minuri, b'dana pero' li dan l-ammont ghandu jinqata' direttament mis-salarju jew qliegh tieghu permezz ta' standing order. Dan il-manteniment ghandu jibqa' jithallas sakemm jibdew jahdmu, jew isiru maggorenni, liema wahda tavvera ruhha l-ewwel jew sal-eta' ta' 23 sena jekk jibqghu jistudjaw u ma jahdmux full-time. L-istess manteniment ghandu jizdied kull sena skond l-gholi tal-hajja.

Il-konvenut ukoll iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew jippercepixxi manteniment minghand l-attrici.

iv) Tilqa' ir-raba' talba;

v) Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' dina t-talba stante li m'hemmx assi fil-kommunjoni tal-akkwisti;

vi) Tilqa' s-sitt talba.

L-ispejjes tal-kawza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**Onor. Imhallef Dr.Anthony J. Vella** **Registratur**